

Brussell, 28 ta' Mejju 2020
(OR. en)

8413/20

EF 90
ECOFIN 416
CCG 15
DELECT 58

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn: Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,
iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur

data meta waslet: 28 ta' Mejju 2020

lil: Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Nru dok. Cion: C(2020) 3428 final

Suġġett: REGOLAMENTO DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 28.5.2020 li jemenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/101 tas-26 ta' Ottubru 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għall-valutazzjoni prudenti skont l-Artikolu 105(14) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument C(2020) 3428 final.

Mehmuż: C(2020) 3428 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.5.2020
C(2020) 3428 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 28.5.2020

li jemenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/101 tas-26 ta' Ottubru 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għall-valutazzjoni prudenti skont l-Artikolu 105(14) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 105(14) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013¹ (“ir-Regolament”) jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta, wara l-preżentazzjoni tal-abbozz ta’ standards mill-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA), u f’konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament Nru (UE) 1093/2010, atti delegati li jispeċifikaw ir-rekwiżiti għal valwazzjoni prudenti, li għandhom ikunu soġġetti għaliha l-istituzzjonijiet.

Fit-22 ta’ April 2020², l-EBA pproponiet li jiġu emendati l-istandards dwar valwazzjoni prudenti sabiex jittaffa l-impatt ta’ volatilità eċċezzjonali skattata mill-pandemija tal-COVID-19 fuq ir-rekwiżiti prudenzjali għar-riskju tas-suq. Skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li jstabbilixxi l-ABE, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi l-abbozz tal-istandards jekk tapprovax l-abbozzi sottomessi. Il-Kummissjoni tista’ wkoll tapprova l-abbozzi tal-istandards parzjalment biss, jew b’emendi, meta l-interessi tal-Unjoni jkunu jeżiġu dan, filwaqt li titqies il-proċedura speċifika stipulata f’dawk l-Artikoli.

Dan l-att delegat jintroduċi aġġustament temporanju mmirat biex itaffi ż-żidiet fl-ammonti aggregati tal-aġġustamenti ta’ valwazzjoni addizzjonali (“AVA”) skont il-qafas ta’ valwazzjoni prudenti, u l-effett eċċessiv tagħhom fuq l-ammonti mnaqqsa mill-fondi proprji tal-banek bħala riżultat tal-perjodu attwali ta’ volatilità estrema tas-suq. L-Artikolu 105 tar-Regolament jirrikjedi li l-istituzzjonijiet jiksbu grad xieraq ta’ ċertezza fil-valutazzjoni tal-istrumenti finanzjarji b’valur ġust tagħhom għal skopijiet prudenzjali u biex jikkunsidraw b’mod formali l-aġġustamenti tal-valutazzjoni għal dan il-għan. L-Artikolu 34 tar-Regolament jirrikjedi li l-istituzzjonijiet inaqqsu mill-kapital tagħhom ta’ Ekwiżità Komuni ta’ Grad 1 (CET1), l-AVA kkalkulat skont l-Artikolu 105 tar-Regolament.

Id-dettalji tekniċi li jiddeterminaw il-kundizzjonijiet li skonthom għandhom jiġu applikati r-rekwiżiti tal-Artikolu 105 huma speċifikati aktar fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/101 (Standards Tekniċi Regulatorji jew “RTS” dwar valwazzjoni prudenti). L-RTS jipprovdu żewġ approċċi għall-kalkolu tal-aġġustamenti addizzjonali tal-valwazzjoni. Skont l-approċċ l-aktar sensitiv għar-riskju — l-hekk imsejjaħ approċċ ċentrali — l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw għadd ta’ AVAs għat-tipi differenti ta’ aġġustamenti tal-valwazzjoni msemmija fil-paragrafi 10 u 11 tal-Artikolu 105. L-AVA individwali mbagħad jiġu aggregati f’ammont AVA totali, li jitnaqqas mis-CET1 f’konformità mal-Artikolu 34.

Il-kalkolu tal-AVA individwali taħt l-approċċ ewlieni jiddependi fuq il-kundizzjonijiet attwali tas-suq u jitwettaq kull tliet xhur, għal kull perjodu ta’ rapportar. Il-kundizzjonijiet volatili tas-suq għandhom tendenza li jissarrfu f’inċertezza akbar speċifika għal strumenti b’valur ġust, li jwasslu għal żidiet sinifikanti fl-AVA totali, u għalhekk tnaqqis oġġla mill-kapital tas-CET1. Dan jista’ jkun ta’ inċentiv għall-istituzzjonijiet finanzjarji biex inaqqsu l-ingranaġġ (jiġifieri jbigħu assi finanzjarji) jew biex inaqqsu l-attivitajiet tas-suq (eż. servizzi ta’ ħħeġġjar għall-klijenti tagħhom).

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta’ kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176 27.6.2013 p.1).

² <https://eba.europa.eu/eba-provides-further-guidance-use-flexibility-relation-covid-19-and-calls-heightened-attention-risks>

Għalhekk, huwa propost aġġustament sempliċi temporanju għall-RTS dwar valwazzjoni prudenti. Dan l-aġġustament se jżid il-fattur ta' aggregazzjoni użat biex jiġi kkalkulat l-ammont ta' AVA totali taħt l-approċċ ċentrali minn 50 % għal 66 %. Iż-żieda hija temporanja (se tkun applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2020) u hija maħsuba biex tippermetti lill-istituzzjonijiet inaqqsu l-volatilità attwali estrema tas-suq. Iż-żieda tal-fattur ta' aggregazzjoni tnaqqas l-ammont tal-AVA totali, u b'hekk jitnaqqas l-ammont imnaqqas mill-kapital tas-CET1 tal-istituzzjonijiet.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Dan ir-Regolament Delegat se jkollu impatt fuq l-istituzzjonijiet li jużaw l-approċċ ewlieni tar-rekwiżiti tal-valutazzjoni prudenti stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2016/101 biex jiġi kkalkulat l-AVA tal-istrumenti ta' valur ġust.

Minħabba l-urġenza kkawżata mid-diffikultajiet mingħajr preċedent tal-pandemija tal-COVID-19, li teħtieġ aġġornament malajr tar-regoli biex tingħata kumdità lill-istituzzjonijiet potenzjalment affettwati mill-kriżi fil-kalkolu tagħhom ta' aġġustamenti ta' valwazzjoni addizzjonali (AVA), l-EBA ddeċidiet li ma twettaqx konsultazzjonijiet pubbliċi jew analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji. Barra minn hekk, peress li l-azzjonijiet iridu jittieħdu b'mod urġenti f'konformità ma' dan ta' hawn fuq u l-konsultazzjoni ma kinitx possibbli, l-EBA infurmat lill-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

Fid-dawl tax-xokk sistemiku kkawżat mill-pandemija tal-COVID-19 u mid-deċiżjoni mill-awtoritajiet pubbliċi, fl-Unjoni u madwar id-dinja, li jwaqqfu partijiet kbar mill-attività ekonomika fl-isforzi tagħhom biex irażżnu l-evoluzzjoni tal-pandemiji, dan l-abbozz tar-Regolament Delegat jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2016/101 billi jipprovdi fattur ta' aggregazzjoni ta' 66 % għal dan il-perjodu speċifiku ta' volatilità estrema fil-prezzijiet tas-suq u xokk sistemiku minħabba l-COVID-19, minflok il-fattur ta' aggregazzjoni li għandu jintuża f'kundizzjonijiet normali tas-suq, stabbilit għal 50 %. Peress li huwa mistenni li l-volatilità estrema tas-suq minħabba l-pandemija tal-COVID-19 se tonqos bis-sussidji tal-pandemija fix-xhur li ġejjin, din id-dispożizzjoni għandha tkun ta' natura tranżitorja u għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2020.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 28.5.2020

li jemenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/101 tas-26 ta' Ottubru 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għall-valutazzjoni prudenti skont l-Artikolu 105(14) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012³, u partikolarment it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 105(14) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 9(5), l-Artikolu 10(6) u l-Artikolu 11(3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/101⁴ jipprevedu li, fir-rigward tal-istituzzjonijiet li jikkalkulaw aġġustamenti ta' valwazzjoni addizzjonali (AVA) bl-approċċ ewlieni stabbilit f'dak ir-Regolament, AVAs individwali relatati mal-inċertezza tal-prezzijiet tas-suq, l-ispejjeż tal-għeluq u r-riskju tal-mudell għandhom jiġu ddeterminati b'referenza għal livell ta' 90 % ta' ċertezza bbażat fuq il-kundizzjonijiet applikabbli tas-suq fiż-żmien tal-kalkolu. Dak ir-Regolament jispeċifika wkoll approċċ ta' aggregazzjoni għall-kalkolu tal-livell totali ta' AVA fuq il-bażi ta' dawk l-AVA individwali, li jieħu kont ta' trikkib bejn l-AVA individwali li jseħħu fl-aggregazzjoni ta' dawk il-kategoriji tal-AVA.
- (2) L-espansjoni tal-pandemija tal-COVID-19 skattat livelli ta' volatilità estrema madwar is-swieq finanzjarji madwar id-dinja, li jaffettwaw klassijiet ta' assi multipli. Dan iġġenera żidiet eċċezzjonali fid-dispersjoni tal-prezzijiet tal-assi u firxiet bejn it-talba u l-offerta. Għalhekk huwa mistenni li AVA individwali kkalkulati fil-livell ta' skoperturi ta' valutazzjoni se jiżiedu b'mod sinifikanti meta mqabbla mal-livelli tagħhom fi żminijiet normali.
- (3) L-aġġustament tal-AVA individwali għal kundizzjonijiet ġodda tas-suq huwa proċess normali. Madankollu, huwa mistenni li minħabba l-pandemija tal-COVID-19 u d-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet pubbliċi biex titwaqqaf l-attività ekonomika f'għadd kbir ta' oqsma, l-aggregazzjoni ta' AVAs individwali miżjuda b'mod sinifikanti se jkollha impatt sproporzjonat fuq l-ammonti tal-AVA aggregati. Ir-regoli għal valwazzjoni prudenti għandhom għalhekk jiġu riveduti sabiex, minbarra li jipprevedu fattur ta'

³ ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1.

⁴ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/101 tas-26 ta' Ottubru 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għall-valutazzjoni prudenti skont l-Artikolu 105(14) (ĠU L 21, 28.1.2016, p. 54).

aggregazzjoni li għandu jintuża f'kundizzjonijiet normali tas-suq, huma jipprovdu wkoll li l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw fattur ta' aggregazzjoni oġhla għal dan il-perjodu speċifiku ta' volatilità estrema fil-prezzijiet tas-suq u xokk sistemiku minħabba l-pandemija tal-COVID-19.

- (4) Huwa mistenni li l-volatilità estrema tas-suq li tirriżulta bħala riżultat tal-pandemija tal-COVID-19 se tonqos bis-sussidju tal-pandemija mistennija fix-xhur li ġejjin. Il-fattur ta' aggregazzjoni oġhla għandu għalhekk japplika biss għad-durata mistennija ta' dik il-volatilità estrema tas-suq flimkien ma' xokk sistemiku, li bħalissa huwa vvalutat li jidm sal-31 ta' Diċembru 2020.
- (5) Għaldaqstant, ir-Regolament Delegat (UE) Nru 2016/101 għandu jiġi emendat skont dan.
- (6) Dan ir-Regolament hu bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji ppreżentati mill-Awtorità Bankarja Ewropea lill-Kummissjoni. Minħabba l-urġenza kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19, l-Awtorità Bankarja Ewropea qieset li t-twettiq ta' konsultazzjoni pubblika u analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji jkun sproporzjonat. Madankollu, l-Awtorità Bankarja Ewropea infurmat lill-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessatu stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵.
- (7) Sabiex ikun hemm reazzjoni rapida għall-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101 huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28.5.2020

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).